DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/398

tat-13 ta' Frar 2015

li temenda d-Deċiżjoni 2008/185/KE dwar l-inklużjoni tal-Ungerija fil-lista tal-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky

(notifikata bid-dokument C(2015) 718)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964, dwar il-problemi tas-saħħa tal-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 9(2) u 10(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 64/432/KEE tistipula r-regoli applikabbli għall-kummerċ ta' annimali bovini u suwini fl-Unjoni. L-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva jistipula l-kriterji għall-approvazzjoni ta' programmi nazzjonali ta' kontroll obbligatorji għal ċertu mard li jittieħed malajr ħafna, fosthom il-marda ta' Aujeszky. Barra minn hekk, l-Artikolu 10 ta' dik id-Direttiva jipprevedi li fejn Stat Membru iqis li t-territorju tiegħu jew parti minnu jkun ħieles minn tali mard, inkluża l-marda ta' Aujeszky, dan għandu jippreżenta d-dokumentazzjoni ta' prova rilevanti lill-Kummissjoni.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE [2] tistabbilixxi l-garanziji addizzjonali għall-moviment ta' qżieqeż bejn Stat Membru u ieħor. Dawk il-garanziji huma marbuta mal-klassifikazzjoni tal-Istati Membri skont l-istatus tal-marda ta' Aujeszky fihom.

(3) L-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/185/KE jelenka l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u fejn it-tilqim huwa pprojbit. L-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni jelenka l-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom fejn jinsabu fis-seħħ programmi nazzjonali ta' kontroll approvati għall-qerda tal-marda ta' Aujeszky.

(4) Attwalment l-Ungerija qiegħda elenkata fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE, bħala Stat Membru jew reġjun ta' Stat Membru li fih ġew implimentati programmi nazzjonali ta' kontroll approvati għall-qerda tal-marda ta' Aujeszky.

(5) L-Ungerija issa ressqet id-dokumentazzjoni ġustifikattiva li ssostni l-applikazzjoni tagħha biex tiddikjara li l-Ungerija hija ħielsa mill-marda ta' Aujeszky.

(6) Wara l-valutazzjoni tad-dokumentazzjoni ġustifikattiva mressqa mill-Ungerija, jixraq li l-Ungerija ma tibqax elenkata fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE, iżda minflok tiġi elenkata fl-Anness I tagħha.

(7) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2008/185/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2008/185/KE huma sostitwiti bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU 121, 29.7.1964, p. 1977/64.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/185/KE tal-21 ta' Frar 2008 dwar garanziji addizzjonali f'kummerċ intra-Komunitarju tal-majjal rigward il-marda ta' Aujeszky, u kriterji sabiex jipprovdu informazzjoni dwar din il-marda (ĠU L 59, 4.3.2008, p. 19).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS I

L-Istati Membri jew ir-reġjuni tagħhom li huma ħielsa mill-marda ta' Aujeszky u fejn huwa pprojbit it-tilqim

Kodiċi ISO	Stat Membru	Reġjuni
BE	Il-Belġju	Ir-reġjuni kollha
CZ	Ir-Repubblika Ċeka	Ir-reġjuni kollha
DK	Id-Danimarka	Ir-reġjuni kollha
DE	Il-Ġermanja	Ir-reġjuni kollha
IE	L-Irlanda	Ir-reġjuni kollha
FR	Franza	Id-dipartimenti ta' Ain, Aisne, Allier, Alpes-de-Haute-Provence, Alpes-Maritimes, Ardèche, Ardennes, Ariège, Aube, Aude, Aveyron, Bas-Rhin, Bouches-du-Rhône, Calvados, Cantal, Charente, Charente-Maritime, Cher, Corrèze, Côte-d'Or, Côtes-d'Armor, Creuse, Deux-Sèvres, Dordogne, Doubs, Drôme, Essonne, Eure, Eure-et-Loir, Finistère, Gard, Gers, Gironde, Hautes-Alpes, Hauts-de-Seine, Haute Garonne, Haute-Loire, Haute-Marne, Hautes-Pyrénées, Haut-Rhin, Haute-Saône, Haute-Savoie, Haute-Vienne, Hérault, Ille-et-Vilaine, Indre, Indre-et-Loire, Isère, Jura, Landes, Loire, Loire-Atlantique, Loir-et-Cher, Loiret, Lot, Lot-et-Garonne, Lozère, Maine-et-Loire, Manche, Marne, Mayenne, Meurthe-et-Moselle, Meuse, Morbihan, Moselle, Nièvre, Nord, Oise, Orne, Paris, Pas de Calais, Pyrénées-Atlantiques, Pyrénées-Orientales, Puy-de-Dôme, Réunion, Rhône, Sarthe, Saône-et-Loire, Savoie, Seine-et-Marne, Seine-Maritime, Seine-Saint-Denis, Somme, Tarn, Tarn-et-Garonne, Territoire de Belfort, Val-de-Marne, Val-d'Oise, Var, Vaucluse, Vendée, Vienne, Vosges, Yonne, Yvelines
IT	L-Italja	Il-provinċja ta' Bolzano
CY	Ċipru	Ir-reġjuni kollha
LU	Il-Lussemburgu	Ir-reġjuni kollha
HU	L-Ungerija	Ir-reġjuni kollha
NL	In-Netherlands	Ir-reġjuni kollha
AT	L-Awstrija	Ir-reġjuni kollha
SI	Is-Slovenja	Ir-reġjuni kollha
SK	Is-Slovakkja	Ir-reġjuni kollha
FI	Il-Finlandja	Ir-reġjuni kollha
SE	L-Iżvezja	Ir-reġjuni kollha
UK	Ir-Renju Unit	Ir-reġjuni kollha

ANNESS II

L-Istati Membri jew reġjuni tagħhom fejn hemm fis-seħħ programmi nazzjonali ta' kontroll approvati għall-qerda tal-marda ta' Aujeszky

Kodiċi ISO	Stat Membru	Reġjuni
ES	Spanja	Ir-reġjuni kollha
PL	Il-Polonja	Ir-reġjuni kollha"